MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 855/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**John u Ritianne mizzewgin Bugeja; u**
**William u Pauline mizzewgin Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti datati 24 ta' Awwissu 1998, 29 ta' Novembru 2000, 7 ta' Dicembru 2005 u 18 ta' Jannar 2007 in atti Nutar Dottor Pierre Cassar (Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. 'C' u Dok. 'D'), u permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Gunju 2007 (Dok. 'E'), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji

lil John u Ritianne mizzewgin Bugeja u lil William u Pauline mizzewgin Bugeja.

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ John u Ritianne mizzewgin Bugeja u ta’ William u Pauline mizzewgin Bugeja, fis-somma ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin elf, tlieta u sebghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€329,073.91) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ John u Ritianne mizzewgin Bugeja u ta’ William u Pauline mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “F1 sa F3”, Dok. “G1 sa G3”, Dok. “H1 sa H3” u Dok. “I1 sa I4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Permezz ta’ zewg kuntratti datati 29 ta’ Novembru 2000 u 7 ta’ Dicembru 2005, in atti Nutar Dottor Pierre Cassar (Dok. ‘B’ u Dok. ‘C’), il-konvenuta Ritianne Bugeja, iggarantiet flimkien u “in solidum” ma’ William u Pauline mizzewgin Bugeja u John Bugeja a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess William u Pauline mizzewgin Bugeja u John Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument ‘A’, ‘B’, ‘C’, ‘D’ u ‘E’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Ritianne mizzewgin Bugeja u William u Pauline mizzewgin Bugeja;

(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess John u Ritianne mizzewgin Bugeja u William u Pauline mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2011 li kopja taghha qed tigi hawn

esebita u mmarkata Dok. “J”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument ‘A’, ‘B’, ‘C’, ‘D’ u ‘E’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Ritianne mizzewgin Bugeja u William u Pauline mizzewgin Bugeja (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess John u Ritianne mizzewgin Bugeja u ta’ William u Pauline mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

Tikkundanna lil John u Ritianne mizzewgin Bugeja u lil William u Pauline mizzewgin Bugeja jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin elf, tlieta u sebghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€329,073.91) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ John u Ritianne mizzewgin Bugeja u ta’ William u Pauline mizzewgin Bugeja (Dok. “F1 sa F3”, Dok. “G1 sa G3”, Dok. “H1 sa H3” u Dok. “I1 sa I4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Mejju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ April 2011, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti John u Ritianne konjugi Bugeja u William u Pauline konjugi Bugeja, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors guramentat in kwantu dan gie mahluf minn Alexia Albani li m'hijiex munita bir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' attrici;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz m'huwiex dovut almenu fl-interezza tieghu peress li saru pagamenti kontra d-debitu tal-esponenti u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fir-rigward tal-imghaxijiet, m'ghandux jittiehed qies tal-imghax li qieghed jiddekorri fuq imghax u kwindi t-talba tas-socjeta' attrici f'dan ir-rigward ghandha tigi temperata;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez stante li ma jirrizultax ksur tal-kundizzjonijijet tal-mutwu kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza u li fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici kellha ticcita liema kundizzjonijiet gew miksura;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fir-rigward tal-konvenuta Ritianne Bugeja biss, din m'ghandhiex tigi kkundannata thallas djun li saru qabel iz-zwieg taghha mal-konvenut John Bugeja u kwindi dawn ma jorbtux lill-komunjoni tal-akkwisti veljanti bejniethom;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fir-rigward ta' dik il-parti tas-self li dwarha l-konvenuta Ritianne Bugeja hi biss garanti, trid qabel xejn issir l-eskussjoni tal-assi tal-kredituri principali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota pprezentata fit-3 ta' Dicembru 2012, li permezz taghha, il-konvenuti ammettew it-talba tal-Bank rikorrenti kif dedotta.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c.; tilqa'

wkoll it-tieni talba; bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn John u Ritianne mizzewgin Bugeja u William u Pauline mizzewgin Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------